A.L. 306 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Environmental Science – Dip. Env. Sc. – taħt il-patroċinju ta' l-International Environment Institute

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-International Environment Institute bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Environmental Science – Dip. Env. Sc. – taħt il-patroċinju ta' l-International Environment Institute.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-International Environment Institute;

"iċ-Ċertifikat" tfisser is-Certificate in Environmental Science;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Environmental Science – Dip. Env. Sc.; u

"il-Kors" tfisser il-kors ta' studji li jwassal għad-Diploma in Environmental Science – Dip. Env. Sc.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2006 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' sena akkademika ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti tiegħu fi studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. (1) Matul l-ewwel semestru tal-Kors (jew l-ewwel sena meta l-Kors ikun offrut fuq bażi *part-time)*, l-istudenti għandhom jiksbu kredti f' :

(a) għadd ta' taqsmiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 26 kredtu; u

(b) taqsima studju li tkopri xogħol prattiku taħt superviżjoni li għaliha hemm assenjati 4 kredti.

(2) Matul it-tieni semestru tal-Kors (jew it-tieni sena meta l-Kors ikun offrut fuq bażi *part-time)*, l-istudenti għandhom jiksbu kredti f' :

(a) għadd ta' taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 18-il kredtu;

(b) taqsima studju li tkopri xogħol prattiku taħt superviżjoni li għaliha hemm assenjati 4 kredti; u

(ċ) taqsima studju li tkopri proġett individwali taħt superviżjoni li għaliha hemm assenjati 8 kredti.

Il-Programm ta' Studju

6. (1) Il-Bord għandu jħejji l-programm ta' studju għall-Kors li għandu jindika t-taqsimiet studju li għandhom jittieħdu f'kull semestru u liema taqsimiet studju huma obbligatorji, liema għandhom jittieħdu flimkien jew qabel taqsimiet studju oħra. Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju għall-Kors qabel ma jibda, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

(2) Il-livell, il-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, l-għadd ta' kredti assenjati għal kull taqsima studju, il-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni, u l-isem tal-lettur li jgħallem it-taqsima studju għandhom ikunu ppubblikati f'katalgu ta' taqsimiet studju, li għandu jkun ippubblikat mill-Bord, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

(3) Suġġett għal tibdiliet li l-Bord jista', bl-approvazzjoni tas-Senat, ikun kostrett jagħmel, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti kif indikat fil-programm ta' studju.

L-Għoti taċ-Ċertifikat

7. L-istudenti li jtemmu b'suċċess il-programm ta' studju ta' l-ewwel sena ta' studji fuq bażi *part-time*, li jkopri 30 kredtu, iżda jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplewh, ma ssodisfawx ir-rekwiżiti għall-għoti tad-Diploma, għandhom jingħataw iċ-Ċertifikat.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

8. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-taqsimiet studju kollha (inklużi t-taqsimiet studju prattiċi) tal-Kors, li jingħataw piż skond l-għadd ta' kredti assenjati għalihom.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma jkunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.

It-Tħassir

9. Ir-Regolamenti ta' l-1996 għall-Kors tad-Diploma in Environmental Science – Dip. Env. Sc., ippubblikati bħala Avviż Legali 164 ta' l-1996, u emendati bl-Avviż Legali 75 ta' l-2000, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2006.